



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, l-10 ta' Settembru 2020

L-istrateġija ta' investiment taċ-Ċina: jenħtieġ li l-UE ttejjeb ir- rispons tagħha, jgħidu l-Awdituri

F'rapport analitiku ġdid li ġie ppubblikat illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tanalizza bosta riskji – prinċipalment ta' natura ekonomika u politika – li jinħolqu għall-UE mill-istrateġija ta' investiment immexxija mill-Istat taċ-Ċina, kif ukoll l-opportunitajiet li din tippreżenta. L-awdituri jwissu li l-UE qed tiffaċċja bosta sfidi fil-ġestjoni tar-rispons tagħha, inkluż dwar l-aħjar mod kif għandha tiġi stabbilita, implimentata u segwita l-istrateġija proprja tagħha dwar iċ-Ċina, u dwar kif għandhom jiġu kkoordinati l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE u ta' Stati Membri individwali rigward ir-relazzjonijiet bilaterali tagħhom maċ-Ċina. Huma jiġbdu wkoll l-attenzjoni għall-fatt li d-data dwar investimenti Ċiniżi fl-UE mhijiex kompleta u josservaw il-ħtieġa għal immappjar robust tar-riskji u tal-opportunitajiet.

Iċ-Ċina ilha mis-snin tmenin timplimenta strateġija ta' investiment li tkegġeg lill-intrapriżi tal-Istat u lill-kumpaniji privati biex jinvestu f'setturi strateġiċi barra mill-pajjiż. Iż-żewġ pilastru prinċipali tagħha huma l-Inizjattiva "Belt and Road" (BRI) dwar il-konnettività u l-istrateġija industrijali "Made in China 2025" – li t-tnejn li huma għandhom l-għan li jiżguraw it-tkabbir ekonomiku u l-influwenza tal-pajjiż. L-istituzzjonijiet Ewropej wettqu bosta inizjattivi – l-aktar waħda reċenti fost dawn kienet fl-2019 (il-perspettiva strateġika UE-Ċina), li mmarkat bidla fit-ton fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina billi tirreferi għaċ-Ċina kemm bħala siebha kif ukoll bħala rivali sistemika. Barra minn hekk, l-Istati Membri jikkooperaw maċ-Ċina b'mod bilaterali, spiss skont l-interessi nazzjonali proprji tagħhom u mingħajr ma jinfurmaw lill-Kummissjoni, anki meta jkunu obbligati jagħmlu dan. Tali approċċ frammentat jonqos milli jippromwovi s-setgħa ekonomika tal-UE li taġixxi b'mod kollettiv. F'dan il-kuntest, l-awdituri jenfasizzaw sfidi partikolari li l-UE qed tiffaċċja biex taġixxi b'mod f'waqtu u kkoordinat fil-każijiet fejn approċċ miftiehem tal-UE jista' jkun ta' vantaġġ – bħal fil-każ tas-sigurtà tal-5G.

"Iċ-Ċina saret attur ekonomiku sinifikattiv fil-livell internazzjonali u r-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina se jaffettwaw il-ħajja u l-ekonomija taċ-ċittadini tal-UE għas-snin li ġejjin," qalet Annemie Turtelboom, il-Membri tal-QEA responsabbli għar-rapport analitiku. "Rispons effettiv għall-bidla ġeopolitika jkun jirrikjedi li l-UE ttejjeb l-istrateġija tagħha dwar iċ-Ċina, u li l-Istati Membri jaġixxu flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE bħala Unjoni".

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport analitiku sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-investimenti Ċiniżi fl-UE żdiedu matul l-aħħar żewġ deċennji u jista' jkollhom effetti pożittivi fuq l-ekonomija Ewropej, bħall-promozzjoni tat-tkabbir u tal-impjegi. Madankollu, dawn l-investimenti jinvolvu setturi strateġikament importanti, inklużi l-enerġija, it-telekomunikazzjoni, il-portijiet u l-ferroviji Minbarra dan, l-intrapriżi tal-Istat Ċiniżi kienu wara aktar minn nofs ta' dawn l-investimenti fl-UE. Skont ir-regoli tal-UE, tali sussidji jkunu, jekk jingħataw minn Stat Membru, jiġu ttrattati bħala għajjnuna mill-Istat. Din id-differenza fit-trattament tista' tfixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern tal-UE u tagħmilha diffiċli biex l-UE tikseb kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji u l-investimenti tagħha.

L-awdituri jidentifikaw bosta elementi li jxekklu l-infurmar tat-tfassil tal-politika tal-UE dwar iċ-Ċina. Huma jiġbdu l-attenzjoni wkoll għall-fatt li kien diffiċli li tinkiseb ħarsa ġenerali lejn l-investimenti li jagħmlu parti mill-istrateġija ta' investiment Ċiniża mmexxija mill-Istat fl-UE, parzjalment minħabba *data* frammentata u mhux kompleta. Minbarra dan, l-istituzzjonijiet tal-UE għadhom ma wettqux analiżi formalizzata u komprensiva tar-riskji u tal-opportunitajiet li jinħolqu mill-istrateġija ta' investiment taċ-Ċina.

Il-kompilazzjoni tar-riskji u tal-opportunitajiet min-naħa tal-awdituri – l-ewwel waħda ta' dan it-tip – tiġbed l-attenzjoni għal 18-il riskju ta' natura politika, ekonomika, soċjali, legali u ambjentali, bħal Stati Membri li jkollhom dejn eċċessiv fil-konfront taċ-Ċina jew ditti li jiġu sfurzati jittrasferixxu t-teknoloġiji. Jekk jimmaterializzaw, dawn ir-riskji jkun ikollhom impatt negattiv fuq ir-riċiproċità u l-eżistenza ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, tlieta minn dawn ir-riskji (lakuni jew duplikazzjoni fl-infrastruttura ta' konnettività, xokkijiet fil-ktajjen tal-provvista tal-UE, u t-trażmissjoni tal-mard) għadhom mhumiex koperti minn kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet attwali mwettqa mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Bħala parti mill-istess kompilazzjoni, l-awdituri jissenjalaw ukoll 13-il opportunità għall-UE fix-xena politika u ekonomika.

L-awdituri jwissu li l-UE se tiffaċċja sitt sfidi fil-futur f'dak li jirrigwarda r-rispons tagħha għall-istrateġija ta' investiment immexxija mill-Istat taċ-Ċina, jiġifieri l-mod kif:

- tipprovdi *data* aktar kompleta u f'waqtha dwar l-investimenti Ċiniżi fl-UE;
- twettaq analiżi sħiħa tar-riskji u tal-opportunitajiet;
- timplimenta aħjar l-istrateġija proprja tagħha – b'mod partikolari l-azzjonijiet li jipromwovu r-riċiproċità u li jipprevienu l-effetti distorsivi fuq is-suq intern tal-UE – u tindirizza r-riskji pendenti;
- tivvaluta l-ħtiġijiet ta' finanzjament u ssegwi l-infiq;
- tirrinforza l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar;
- tikkoordina aħjar ir-rispons mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri.

Noti lill-Edituri

L-UE hija l-akbar sieħba kummerċjali taċ-Ċina, filwaqt li ċ-Ċina hija t-tieni l-akbar sieħba kummerċjali tal-UE. L-UE hija impenjata li tiżgura riċiproċità kummerċjali maċ-Ċina, kif ukoll kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. Madankollu, is-suq Ċiniż huwa inqas miftuħ minn dak tal-UE f'dak li jirrigwarda l-investiment barrani. Hemm ukoll tħassib li l-investimenti Ċiniżi sostnuti mill-Istat fl-Istati Membri jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern tal-UE.

Ir-rispons istituzzjonali tal-UE lejn l-istrateġija ta' investiment taċ-Ċina jirriżulta minn tliet dokumenti strateġiċi, li jistipulaw 74 azzjoni, li fil-biċċa l-kbira jirrigwardaw l-iżgurar tar-riċiproċità u

kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (17), l-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba (16), u l-appfondiment tal-impenn dwar il-paċi u s-sigurtà (10). Ir-rispons individwali tal-Istati Membri għall-istrateġija ta' investiment taċ-Ċina jkopri erba' oqsma prinċipali: il-*memoranda* ta' qbil (MtQ) għall-kooperazzjoni rigward l-investimenti tal-BRI, it-trattati bilaterali fuq l-investiment, l-iskrinjar nazzjonali tal-investiment dirett barrani u d-dokumenti ta' politika nazzjonali. Iċ-Ċina stabbiliet qafas għall-kooperazzjoni ma' grupp ta' 17-il pajjiż Ewropew ("17+1"), inklużi pajjiżi kandidati mill-Balkani tal-Punent. Hemm 15-il Stat Membru li individwalment iffirmaw MtQ maċ-Ċina biex jikkooperaw fl-inizjattiva BRI.

Ir-Rapport Analitiku Nru 3/2020 "Ir-rispons tal-UE għall-istrateġija ta' investiment immexxija mill-Istat taċ-Ċina" tal-QEA huwa disponibbli fuq eca.europa.eu bi 23 lingwa tal-UE, flimkien ma' intervista bil-vidjo u podcast mal-Membru tal-QEA responsabbli. Dan mhuwiex awditu, iżda pjuttost rapport analitiku ta' informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku, li ġie kkompletat qabel it-tifqigħa tal-COVID-19. Informazzjoni dwar il-miżuri tal-QEA b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa: Damijan Fišer E: damijan.fiser@eca.europa.eu T: (+352) 4398 45 510 M: (+352) 621 55 22 24